MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1998/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Antonio Enriquez abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehenisve u tal-Ligi u l-istess Antonio Enriquez**

**Vs**

**Andrea Cristauro**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm194.00c (mija u erbgha u disghin lira Maltin) rappresentanti danni sofferti mill-attur Antonio Enriquez assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' Lm169.00c (mija u disgha u sittin lira Maltin),

is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Ltd, u kwantu ghall-ammont ta' Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) l-istess Antonio Enriquez in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-gewwa Mensija Road, San Gwann, bejn il-vettura propjeta ta' l-attur Antonio Enriquez, bin-numru ta' registrazzjoni ANG 121 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni GAQ 242, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 t'Ottubru 2002, ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-Avviz lis-socjeta' assikuratrici Fenici Insurance Agency Ltd bhala agent ta' diversi sindakati esteri operanti bl-isem Lloyd's Underwriters, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-28 t'Ottubru 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------